**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 23 ta` Frar 2016**

**Kawza Nru. 1**
**Citaz. Nru. 314/93 JZM**

**Il-Kontrollur tad-Dwana**

***kontra***

**Sidney Ellul Sullivan personalment, kif ukoll fil-kwalita` tieghu ta` Direttur ghan-nom u in rappreżentanza tas-socjeta` "Eloise Limited"**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ic-citazzjoni prezentata fil-15 ta` Marzu 1993 li taqra hekk :–

*Premess illi fis-snin 1989, 1990 u 1991 ghadd ta` prodotti destinati lis-socjeta` konvenuta gew importati illegalment f`Malta stante li ma thallsux fuqhom id-dazju u l-imposta fuq oggetti importati dovuta taht l-Att dwar il-Promozzjoni ta` Prodotti Lokali (aktar `il quddiem f`din ic-citazzjoni imsejha "imposta") u f`xi kazijiet lanqas thallas il-kera ghall-magazzinagg ghall-perijodu meta l-oggetti kienu ghand id-Dwana u dan kif muri fl-anness prospett market "Dok. A".*

*Premess illi din l-importazzjoni illegali saret b`qerq u bis-sahha ta` l-uzu da parti tal-konvenuti ta` timbri foloz li kienu isiru fuq id-dokumenti relattivi tad-Dwana u li kienu jaghtu l-impressjoni lill-ufficjali tad-Dwana inkarigati li jirrilaxxjaw l-oggetti importati li d-dazju u l-imposta fuq l-istess oggetti kienu thallsu, mentri fil-fatt ma kinux.*

*Premess illi fl-investigazzjoni ta` dan l-agir doluz l-esponent inkorra spejjez ingenti sad-data tal-prezentata ta` dan l-att.*

*Premess illi ghall-imsemmi qerq u konsegwenti dannu lill-attur huma responsabbli s-socjeta` konvenuta li rceviet l-imsemmija prodotti, kif ukoll il-konvenut l-iehor direttur taghha li huwa responsabbli personalment ghall-imsemmi qerq kemm ghax dan jikkostitwixxi reat li ghalih huwa responsabbli personalment kif ukoll ghaliex f`din il-vicenda huwa uza lis-socjeta` bhala "alter ego" u mandatarja tieghu u ghal skopijiet illegali.*

*Premess illi l-valur ta` dazju u ta` imposta fuq l-oggetti importati hu ta` mija u sitt elef sitt mija u erba` Liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm 106,604.15,0) u dan kif spjegat dettaljatament fl-anness prospett markat "Dok. A".*

*Illi meta interpellati permezz ta` ittri ufficjali tal-11 ta` Dicembru 1991 u tat-30 ta` Marzu, 1992 l-konvenuti baqghu inadempjenti.*

*Jghidu l-konvenuti ghaliex dina l-Qorti m`ghandhiex :-*

*1. Tiddikjara li huma, jew min minnhom, huma responsabbli individwalment, u in solidum bejniethom ghall-hlas lill-attur ta` l-ammont ta` dazju u ta` imposta u ta` spejjez tal-magazzinagg dovuti lilu fuq il-prodotti fuq imsemmija u ghall-ammont ta` spejjez li huwa gie ndott jinkorri fl-*

*investigazzjoni ta` l-agir doluz fuq imsemmi sad-data tal-prezentata ta` dan l-att u dan bhala danni kagunati lill-attur bhala konsegwenza ta` l-agir doluz taghhom, jew min minnhom.*

*2. Tillikwida, id-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta` l-agir doluz tal-konvenuti jew min minnhom fis-somma ta` mija u sitt elef sitt mija u erba` Liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm 106,604.15,0) oltre l-ammont sborzat mill-attur sad-data tal-prezentata ta` dan l-att fl-investigazzjoni ta` l-agir doluz in kwistjoni.*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu lill-attur is-somma hekk likwidata skond id-dikjarazzjoni dwar ir-responsabbilta` ghad-danni.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittri ufficjali tal-11 ta` Dicembru 1991 u tat-30 ta` Marzu 1992 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti u l-ingunzjoni kontra l-konvenut biex jidher ghas-subizzjoni u b`riserva ghal kull azzjoni ohra li tista` tispetta lill-attur ghar-rigward ta` danni sofferti wara l-prezentata ta` dan l-att.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur, il-lista tal-persuni li kienu ndikati bhala xhieda u l-elenku tad-dokumenti esebiti mac-citazzjoni.

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet li pprezenta l-konvenut Sydney Ellul Sullivan **de proprio** fl-14 ta` April 1993 li taqra hekk :–

*1. Preliminarjament, illi jigi liberat mill-assenza tal-gudizzju stante illi, ir-responsabbilta` personali tieghu, skond il-ligi tal-kumpannija u kif dikjarat fil-premessi tac-citazzjoni, tippernia fuq l-allegazzjoni ta` fatt illi l-importazzjoni tal-oggetti elenkati fid-dok "A", huma konsegwenza ta` reat jew ta` agir doluz da parti ta` l-esponent. Ghalhekk, sabiex il-Qorti setghet twarrab il-vesti tal-kumpannija u tinvestiga ir-responsabbilta` personali tad-diretturi tal-kumpannija, il-Qorti kellha l-ewwel tinvestiga u tillibera fuq l-agir tal-kumpannija sabiex tkun tista` tiddikjara li dak l-agir kien effettivament doluz-skonz ta` dik id-dikjarazzjoni tal-Qorti, l-agir tal-kumpannija huwa normali u ma jistghax igib konsegwenzi ta` natura straordinarja. Fil-kawza odjerna, il-Qorti ma gietx mitluba tikkonsidera, tillibera u tiddikjara li l-agir tas-socjeta` kien doluz, u ghalhekk din il-Qorti la tista` tassumieh u lanqas tghaddi biex taghmel id-dikjarazzjoni mhux*

*mitluba. Konsegwentement, ex ipotesi, ma tista` tinghata ebda responsabbilta` lill-konvenut personali bhala direttur ta` dik il-kumpannija.*

*2. Illi fil-meritu, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjent ma kienx involut f`ebda agir illegali jew doluz fl-importazzjoni ta` l-oggetti meritu ta` din il-kawza u fil-fatt sa fejn jaf huwa, kemm id-dazju, kif ukoll l-imposta u magazzinagg dovut ma` dawk l-oggetti kienu gew imhallsa kif jidher mill-ircevuti ufficjali.*

*3. Illi t-talbiet attrici ghal dak li jirrigwarda il-hlas tad-dazju, imposta u magazzinagg, huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjent ma assumiex dejn personali tal-kumpannija li taghha huwa Direttur.*

*4. Illi t-talbiet attrici in kwantu jirrigwardaw spejjez ta` investigazzjoni ta` agir doluz, huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma hemmx gudizzjarju bejn l-eccipjent u l-agir allegatament doluz;*

*5. Illi ma gietx mitluba ebda talba ghal kundanna tal-hlas ta` dazju, imposta u magazzinagg, ghalhekk, kundanna simili tkun "extra petita".*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut de proprio u l-lista tal-persuni li kienu ndikati bhala xhieda.

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet li pprezenta **l-konvenut Sydney Ellul Sullivan din id-darba ghan-nom tas-socjeta` "Eloise Ltd."** fl-14 ta` April 1993 li taqra hekk :–

*1. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-eccipjent ma kienx involut f`ebda agir illegali jew doluz fl-importazzjoni ta` l-oggetti meritu ta` din il-kawza u fil-fatt sa fejn jaf huwa kemm id-dazju, kif ukoll l-imposta u magazzinagg dovut ma` dawk l-oggetti kienu gew mhallsa kif jidher mill-ircevuti ufficjali.*

*2. Illi t-talbiet ghar-rigward refuzjoni ta` spejjez inkorsi ghall-investigazzjoni fuq agir doluz, stante illi dawn it-talbiet ma humiex preveduti li talba ghal dikjarazzjoni illi fil-fatt is-socjeta` konvenuta kienet irresponsabbli ghal dan l-agir doluz, it-talbiet huma intempestivi.*

***3.** Illi fi kwalunkwe kaz ma gietx mitluba ebda talba ghal kundanna tal-hlas ta` dazju, imposta u magazzinagg, ghalhekk, kundanna simili tkun "extra petita".*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Sydney Ellul Sullivan noe u l-lista tal-persuni li ndika bhala xhieda fin-nota ta` l-eccezzjonijiet.

Rat in-nota bix-xiehda bl-affidavit ta` sebgha u tletin (37) persuna li pprezenta l-attur.

Rat in-nota bix-xiehda bl-affidavit ta` tnejn u hamsin (52) persuna li pprezenta l-attur fid-29 ta` April 1994.

Rat in-nota bix-xiehda bl-affidavit ta` Carmel J. Sammut li pprezenta l-attur fis-26 ta` Lulju 1995.

Rat in-nota bix-xiehda bl-affidavit ta` Herbert Agius li pprezenta l-attur fit-13 ta` Gunju 1996.

Rat in-nota bix-xiehda bl-affidavit ta` Dr Manfred R. Hecker li pprezenta l-attur fl-10 ta` Marzu 1999.

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mill-atturi mad-diversi affidavits.

Rat in-nota li pprezenta l-attur fl-1 ta` Settembru 2000.

Rat l-erba` (4) noti li pprezenta l-attur fit-12 ta` Ottubru 2009, fit-18 ta` Jannar 2010, fid-9 ta` Marzu 2010 u fit-22 ta` Gunju 2010 b`partijiet mill-process kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Sydney Ellul Sullivan", inkluzi s-sentenzi moghtija fl-ewwel u fit-tieni istanza.

Semghet ix-xiehda ta` Mario Farrugia fl-udjenza tat-13 ta` Ottubru 2009.

Rat iz-zewg affidavits tal-konvenut.

Semghet ix-xiehda in kontroezami ta` Herbert Agius fl-udjenza tad-19 ta` April 2011.

Semghet ix-xiehda tal-konvenut fl-udjenza tat-18 ta` Ottubru 2011.

Semghet ix-xiehda tas-Supretendent Martin Bayliss fl-udjenzi tas-17 ta` Jannar 2013 u tal-31 ta` Ottubru 2013.

Semghet ix-xiehda ta` WPC 51 Louise Grech fl-udjenza tal-31 ta` Ottubru 2013.

Semghet ix-xiehda ta` Raphael Aloisio fl-udjenzi tal-31 ta` Ottubru 2013 u tal-11 ta` Novembru 2013.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet li pprezenta l-attur fit-23 ta` Gunju 2014.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet li pprezenta l-konvenut fl-20 ta` Jannar 2015.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tad-19 ta` Frar 2015 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu.*

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Rat li ma hemmx ostakolu sabiex il-kawza tkun deciza llum.

## II. Sintesi tal-provi rilevanti

**Il-Qorti sejra tirreferi ghal dawk mill-provi li tqis saljenti u rilevanti.**

**Carmel J Sammut** mid-Dipartiment tad-Dwana xehed illi fl-ahhar ta` Novembru 1991, huwa kien inkarikat sabiex jaghmel ricerka dwar numru ta` dokumenti tad-Dwana relatati mal-importazzjoni ta` merkanzija mis-socjeta` Eloise Ltd. L-iskop ta` l-ezercizzju kien sabiex jara jekk kienux korretti l-kontijiet tal-ufficcju tal-kaxxiera. L-indagni saret fuq casg books, levy book, cheques, abstract sheets, duplicate entries, bank deposit vouchers, deposit books u deposits settled in cash.

Ighid illi huwa beda bit-taqbiliet tal-kaxxiera fid-dati li jidhru fit-timbru li hemm fid-dokumenti, hlief ghat-2 ta` Dicembru 1990 li kien il-Hadd. Il-formoli jimtlew minn kull kaxxier immedjatament kull meta jaghlaq it-till ; generalment il-formula timtela` darbtejn kuljum. Huwa qabbel ic-cifri ta` dawn it-taqbiliet mat-taqbila globali, li hija formula identika ghal dik tal-kaxxiera u li tinkludi t-total tal-kaxxiera kollha - Doc 1.

Spjega l-process kollu, u kif ghamel il-kontrolli tal-bank deposit vouchers, tas-settled deposits, tad-deposit receipt books, tal-cash books, tal-abstract sheets u tad-duplicate entries.

Ighid illi meta ra l-lista tac-cheques u tal-bank deposits ghaz-zmien ta` bejn it-2 ta` Jannar 1990 u t-28 ta` Gunju 1991 sabiex ikun jaf jekk kienx hemm cheques f`isem l-importatur, huwa wasal ghall-konkluzjoni illi ma kien hemm l-ebda cheque li kien jaqbel ma` xi ammont li suppost thallas fuq id-duty entries ikkontestati.

**Herbert Agius** xehed illi huwa kien l-Assistent Kap tad-Dipartiment tad-Dwana fiz-zmien ta` bejn it-2 ta` Jannar 1990 u t-28 ta` Gunju 1991.

Ghal habta ta` nofs Gunju 1991, huwa kien infurmat mis-superjur tieghu, Anthony Pavia, li kienu nstabu xi entraturi tad-dwana fl-isem ta` Tessons Limited fejn ghalkemm kien fihom t-timbru tal-pagament, ma kienux jidhru li fil-fatt kienu thallsu. Saret tfittxija dwar dawn l-entraturi u, wara li d-dipartiment kien ircieva informazzjoni kunfidenzjali, rrizulta li gelati mportati minn barra kienu qed jinbieghu minn Tessons Limited bi prezz irhis hafna. Huwa nghata l-inkariku li jinvestiga l-kaz. Il-pulizija kienet infurmata wkoll. L-investigazzjoni kienet mifruxa fuq l-importaturi kollha fuq dokumenti ta` l-ahhar sentejn. Minn din l-investigazzjoni rrizulta illi d-dokumenti mmarkati “Eloise 1” ghalkemm kienu gew ipprocessati tajjeb fid-Dwana u kellhom fuqhom timbru simili ghal dak tal-kaxxier, ma kienx hemm l-ebda referenza ghalihom fil-kotba u fid-dokumenti tal-cash office tad-Dwana illi kienu thallsu.

Stqarr illi n-numri tal-pagamenti ttimbrati fuq id-dokumenti, fil-kazi kollha hlief ghal EL3, EL 42 u EL 45, jidhru fuq il-cash books tad-Dwana f`dati differenti minn dawk tat-timbri u kollha jirreferu ghal pagamenti li saru minn importaturi ohra fuq merkanzija differenti. L-originali tad-dokumenti kollha kienu gew ezebiti fil-kumpilazzjoni quddiem il-Magistrat Jacqueline Padovani Grima fil-kawza “**Il-Pulizija vs Sydney Ellul Sullivan**”.

Fisser illi l-enumeraturi tal-pagamenti li huma wzati mid-Dwana johorgu l-istess numru erbgha (4) darbiet qabel ma jaqleb awtomatikament ghal numru segwenti. Meta mportatur ihallas d-dazju u/jew il-levy dovut, il-kaxxier kien juza wiehed minn dawn t-timbri biex jittimbra erbgha (4) kopji tal-entratura. It-timbru kien iservi bhala ricevuta ghall-pagament li jkun sar.

Kompla spjega illi mill-investigazzjoni li kien ghamel irrizulta :–

1) Illi fl-uzu ta` timbri foloz kienu nvoluti tliet (3) socjetajiet : Tessons Ltd (id-diretturi kienu Andrew u Joseph Ellul Sullivan) ; J Cachia Caruana Ltd (id-diretturi kienu Charles Ellul Sullican u Philip Azzopardi) ; u Eloise Ltd (id-direttur kien Sydney Ellul Sullivan) ;

2) Illi d-diretturi ta` t-tliet kumpanniji, minbarra Philip Azzopardi, huma ahwa ;

3) Illi l-istess timbru falz intuza fuq entries ta` kull wahda minn dawn is-socjetajiet ;

4) Illi n-numri tal-pagamenti kollha li jidhru fil-lista “Eloise 1”, minbarra tlieta (3) minnhom, ma kienux mahruga mid-Dwana fid-dati murija fl-istess entries u lanqas ma jidhru fil-cash books. Dawn l-istess numri kienu kollha mahruga ghal pagamenti li ghamlu mportaturi ohra ;

5) Illi kien hemm numru ta` entrati li juru bhala data t-2 ta` Dicembru 1990, li kien il-Hadd ;

6) Illi kien hemm ukoll entrati, fatturi u dokumenti fl-isem tas-socjeta J. Cachia Caruana Ltd.

Kompla jixhed illi mill-investigazzjonijiet irrizulta illi d-dokumenti li jidhru fil-lista “Eloise 1” ghalkemm kienu pprocessati regolarment mid-Dwana u kellhom fuqhom timbru simili ghal dak tal-kaxxier, ma kien hemm l-ebda referenza ghalihom fid-dokumenti tal-cash office tad-Dwana li juru li dawn kienu thallsu. In-numri tal-pagamenti ttimbrati fuq id-dokumenti li jidhru f`din il-lista, fil-kazi kollha hlief Dok EL 3, EL 42 u EL 45 jidhru fil-cash books tad-Dwana f`dati differenti minn dawk tat-timbri, u kollha jirreferu ghal pagamenti li saru minn importaturi ohra fuq merkanzija differenti. Fil-kaz ta` Dok EL 52, in-numru tal-pagament huwa 77924/18.6.91, u dan ma jidhirx fil-cash books, ghaliex l-akbar numru li nghata mid-Dwana sakemm gew irtirati t-timbri kollha fid-29 ta` Lulju 1991 kien 77182. Fid-Dok EL 1A entrata ghandha l-istess numru ta` pagament bhala Dok EL 1, izda d-data, l-importatur, valur u dazju huma differenti. Il-pagament ta` Dok EL 1A huwa mnizzel fil-cash book, izda l-pagament ta` Dok EL 1 f`isem is-socjeta Eloise Ltd ma jidhirx. Dan jghodd ghal entrati ohrajn ukoll.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, ix-xhud fisser illi l-investigazzjoni kellha zewg pisti. L-ewwel pista kienet dik tal-impjegati tad-Dwana li hargu t-timbri ghal pagamenti li ma sarux. It-tieni pista kienet tal-importaturi. L-investigazzjoni dwar l-impjegati saret mill-pulizija filwaqt li tal-importaturi saret mid-Dwana. Minhabba dan il-kaz, inbidlet il-procedura u bdiet tohrog ricevuta separata. Qabel il-procedura kienet illi meta wiehed kien imur ihallas kien jipprezenta erbgha (4) kopji tad-dikjarazzjoni tieghu flimkien ma` invoice, kull kopja tigi ttimbrata b`timbru specifiku li jkun fih id-data u n-numru tal-pagament. Tinzamm kopja fid-Dwana u l-ohrajn izommhom l-importatur. Mistoqsi jekk it-timbri kienux jinzammu go safe, wiegeb illi meta ma kienux jintuzaw kellhom jinzammu go safe li kellu jkun maghluq. Il-mekkanizmu ta` sikurezza ta` dawn t-timbri kien illi n-numri johorgu wara xulxin, jigifieri ghal kull pagament ikun hemm erbgha (4) bl-istess numru, imbaghad jaqleb ghan-numru ta` wara. Fil-kaz tal-lum, it-timbri li ntuzaw kienu differenti mit-timbri li kienu jintuzaw mid-Dwana. Mill-

investigazzjoni li ghamlet l-pulizija dwar l-impjegati, ma rrizulta xejn dwar l-impjegati. Bhala kronologija, l-ewwel saret l-investigazzjoni interna, segwita minn dik tal-pulizija.

**Manfred R Hecker** xehed illi huwa kien inhatar *for examination of the initials within the imprints "Received Payments" on documents HA 1 through to HA 47.* Fir-rapport tieghu huwa wasal ghall-konkluzjoni illi *the constant pressure, poor line quality and the lack of fluency in movement indicate that the initials in this group are slow imitations.*

**Mario Farrugia** xehed illi fl-1992 huwa kien Direttur tal-Industrija. Id-Dipartiment tieghu kien jirregola s-sistema tal-import levies. Bhala Direttur, huwa kellu s-setgha li jirrakkomanda lill-Ministru biex persuna tkun ezentata mill-hlas ta` levy fuq certi oggetti. Qal illi jiftakar li kien hemm kaz partikolari li kien jittratta dwar timbri. Il-kaz skatta mid-Dipartiment tal-Industrija, wara li waslet ghandhom informazzjoni li gelati mportati kienu qeghdin jinbieghu bi prezz li ma setax ikun li l-importatur hallas levy fuqhom. Saret konsultazzjoni mad-Dipartiment tad-Dwana u bdiet l-investigazzjoni. Fil-kors tal-investigazzjoni, id-Dwana talbu biex jaraw r-records taghhom ghaliex biex importazzjoni tkun ezentata, mad-dokumentazzjoni kellha tirrizulta l-esenzjoni min-naha taghhom, u hekk sar.

**Il-konvenut** xehed illi l-pulizija kienu marru l-ufficcju 34, South Street, Vallletta u ghamlu tfittxija. Fil-fatt gabru dokumenti u l-kontijiet tas-socjetatjiet Bata u Eloise.

Stqarr illi l-procedura tad-Dwana kienet illi l-ewwel tiddepozita "entry form" u l-iskrivan kien jaghtik karta b`numru, liema numru kien jitnizzel fuq l-entry form. Dawn l-entry forms kienu jingabru kull tant zmien u jittiehdu fil-longroom tad-Dwana. Hemm kienu jitqassmu lil diversi skrivani sabiex jaraw li l-entry form ma jkollhiex zbalji. Din imbaghad kienet tghaddi ghand s-superjuri ; jekk kollox ikun tajjeb titqieghed go basket li jinghalaq b`katnazz u sigill. Wara kien imur messagier jigbor dan l-basket u jiehdu fil-kamra fejn kienu jsiru l-pagamenti. Wara erbgha u ghoxrin (24) siegha li l-importatur ikun dahhal l-entry form kien imur lura d-Dwana u jara n-noticeboard. Jekk ikun jidher in-numru tal-entry form tieghu allura jkun ifisser li kien hemm zball. F`dak il-kaz, l-importatur ikollu jirranga l-izball u jerga` jdahhal l-entry form. Jekk l-entry form tkun tajba, l-importatur imur sabiex jaghmel il-pagament. Peress li l-ammont tad-dazju li kellu jhallas ma kienx gholi, u ma kellhux garanzija bankarja fuq il-pagamenti, kien ihallas bi flus kontanti. L-akbar ammont li hallas ma kienx jaqbez Lm 1200, pero l-

maggior parti kienu ta` madwar Lm 500. Wara li jsir il-pagament, l-iskrivan kien jittimbra "*Received payment*". B`din l-entry form imbaghad kien imur ghand l-burdnar, u jaghtih d-dokumenti biex il-burdnar imbaghad jigbor l-merkanzija. Qabel ma jsir ir-rilaxx tal-merkanzija, l-ufficjal tad-Dwana kellu d-dover li jara li kollox kien tajjeb, li l-entry form tkun tajba u jara mal-longroom u mal-kamra tal-pagamenti li kollox kien in regola. Wara dawn il-verifiki kollha, l-ufficjal kien imur ifittex l-konsenja, ighajjat lill-burdnar biex jghabbi, u r-releasing officer jiffirma fuq d-duty entry.

Stqarr illi fil-proceduri kriminali nghad illi t-timbri kienu foloz. Jinsisti li huwa qatt ma seta` jkun jaf jekk it-timbri kienux foloz inkella le.

Kompla jixhed illi fis-snin 1990 u 1991 huwa l-hanut Eloise u kien jimporta z-zraben tad-ditta Bata. Fuq dawn il-prodotti huwa kien ihallas id-dazju. L-importazzjoni kienet issir mill-Italja.

Fisser illi la l-Ispettur Bayliss u lanqas haddiehor min-naha tal-Pulizija ma tawx ricevuta tad-dokumenti li kienu elevaw mill-ufficcju tieghu.

Spjega illi fid-29 ta` Settembru 2013, kien baghat email lill-Kummissarju tal-Pulizja, fejn talbu sabiex jaghtih appuntament. Ghalkemm huwa kien liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu mill-Qorti tal-Magistrati, sar appell mill-Prosekuzzjoni. Dak iz-zmien l-avukat tieghu kien Av. Emmanuel Mallia. Dan talbu l-accounts ta` Eloise. Il-process kien fis-sigrieta tal-Imhallef li kellu jisma` l-appell. Meta mar jezamina dawn l-accounts, flimkien mal-accountant Joseph Sammut, induna illi n-nominal ledger u l-bank statements kienu neqsien mill-process, ghalkemm dawn kienu gew elevati mill-pulizija.

**Supretendent Martin Bayliss** xehed illi fiz-zmien tal-kaz huwa kien spettur stazzjonat fl-iskwadra ta` kontra l-frodi. Ikkonferma li kien hemm diversi kazijiet ghaddejjin tal-familja Ellul Sullivan, fejn prattikament l-ahwa kollha kienu nvoluti, jigifieri Andrew, Joseph, Charles, Roger u Sydney. L-istruzzjonijiet li kellu kienu illi johrog mal-ufficjali tad-Dwana u jaghmlu tfittxija fid-djar taghhom u jigbru dokumenti tad-Dwana. Dak iz-zmien il-kap tal-investigazzjoni kien is-Supretendent (wara Assistent Kummissarju) Lawrence Cauchi. Ma kienx edott bil-kaz tal-konvenut, billi ma kienx huwa li kien mexxa l-investigazzjoni. Fil-kazi tal-ohrajn, huwa kien ipprezenta d-dokumenti kollha li kellu. Huwa gabar it-timbri ta` l-ufficjali tad-Dwana,

Pawlu Micallef, Henry Cassar u Mario Attard illum mejjet. Minn dak li jiftakar, it-timbri kienu jinzammu fil-lockers personali ta` dawn l-ufficjali.

Muri t-traskrizzjoni tax-xiehda li huwa kien ta` fl-14 ta` Dicembru 1992 quddiem il-Magistrat Dr Jacqueline Padovani Grima, u mistoqsi jekk d-dokumenti relativi ghan-negozju kienux gew ezebiti, ix-xhud wiegeb illi d-dokumenti li kellhom huma u li kienu ndikati lilhom mid-Dwana safejn jiftakar kienu ezebiti l-Qorti. Insista li huwa kien qed jixhed tlieta u ghoxrin (23) sena wara. Kien hemm tmienja u ghoxrin (28) kaz kollha konnessi mal-ahwa Ellul Sullivan. Mistoqsi jekk kenitx inghatat ricevuta lil Ellul Sullivan ghad-dokumenti li kienu elevati, ix-xhud assuma li hekk sar.

**<u>Raphael Aloisio</u>** xehed illi huwa inhatar mill-Qorti bhala espert sabiex jezamina d-dokumenti tas-socjeta` Eloise Ltd. Milli ftakar, huwa kien gabar d-dokumentazzjoni, izda ghaliex kien hemm hafna kazi mhuwiex cert jekk kienx gabar d-dokumentazzjoni mid-Depot jew mill-Qorti. Huwa jiftakar li kien ezamina l-ledgers u dokumenti ohra bhal karti ta` importazzjoni u dokumenti ufficjali tad-Dwana. L-ezercizzju li ghamel kien li jqabbel il-ledgers mad-dokumenti, jigifieri jekk kien hemm dokument entrata numru 21,000, kien jara fil-ledger 21,000 biex jikkonferma jekk dak kienx dokument tal-kumpannija u ghalhekk ivverifika jekk d-dokumenti li kellhom t-timbru fuqhom kienux jaqblu mar-registru jew le. Huwa kellu l-ledgers tad-Dwana, jigifieri r-registru fejn il-kaxxiera jdahhlu l-flus li jkunu dahlu matul il-gurnata. Mill-ezami li ghamel ta` dawn id-dokumenti ma nvestigax il-fatt jekk il-kaxxiera kienux hadu l-flus huma minflok ma ddepozitawhom id-Dwana.

Wara li rega` ra r-rapport li kien ghamel, ix-xhud stqarr illi seta` jikkonferma illi l-esercizzju li ghamel kien illi hu kellu l-cash books ta` Eloise Ltd, li kellhom entry date number, kien hemm l-ammont ta` duty, ta` levy u l-kera ; huwa dar l-invoices u pprova jirrintraccjahom fil-cash books. Kien hemm pagamenti fejn ma sabux l-entrati fil-cash book u kien hemm dokumenti ohrajn li kellhom l-istess entry number. Huwa ghalhekk kellu l-entrati ta` Eloise Ltd u qabbilhom mal-cash books tad-Dwana. Huwa ma qabbilx l-entry forms ta` Eloise Ltd mal-ledgers taghha stess. Ikkonkluda li l-hlas ta` Lm 106,706 li jidher li sar minn Eloise Ltd skont it-timbri fid-dokumenti, in effetti ma kienx sar skont il-cash books tad-Dwana. Ghal serje ta` domandi dwar jekk setax ikun hemm manipulazzjoni tal-cash books da parti tad-Dwana, ix-xhud wiegeb illi teknikament dan seta` gara izda bhal ma seta` kien hemm manipulazzjoni tal-cash books da parti tad-Dwana, seta` kien hemm ukoll manipulazzjoni tal-cash books da parti ta` Eloise Ltd.

## III. <u>Sintesi tas-sottomissjonijiet</u>

### 1) <u>L-attur</u>

Wara li jaghmel gabra tal-fatti, l-attur jissottometti illi socjeta` kummercjali tista` tinsab responabbli ghal delitti u kwazi delitti. Jirreferi ghas-sentenzi "**<u>Ventura noe vs Vassallo et noe</u>**" deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Gunju 2003 u "**<u>Registratur tal-Qrati Superjuri vs Camilleri pro et noe</u>**" deciza minn din il-Qorti fis-17 ta` Jannar 2001. Ghalhekk l-ghemil li kkaguna dannu lill-attur u cioe` n-nuqqas ta` hlas ta` dazju u ta` imposta fuq prodotti destinati lis-socjeta konvenuta huwa agir li huwa *intra vires* l-ghanjijiet tas-socjeta konvenuta. Ghalhekk l-istess socjeta` ghandha twiegeb ghad-danni.

Jissottometti illi skont il-ligi civili, kull persuna li tintlaqat hazin bl-agir ta` haddiehor tista` titlob rimedju lill-Qorti ghall-hsara jew ghad-dannu li garrab minhabba dak l-ghemil li jkun ukoll reat u cioe` li jintalbu danni ex delicto. Id-dannegjat ghandu dritt jikseb kumpens ghal dak l-ghemil taht l-kappa ta` responsabbilita delittwali. L-Art 1031 tal-Kodici Civili jipprovdi li kull persuna ghandha twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha. L-attur jissottometti li d-dolo li abbazi tieghu qeghdin jintalbu d-danni huwa l-falsifikazzjoni ta` timbri li ntuzaw sabiex il-konvenuti jdahhlu merkanzija minghajr ma jhallsu imposta jew dazju b`dannu ghall-erarju pubbliku. Jaghmel riferenza ghas-sentenza tat-3 ta` Ottubru 2010 li tat il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fil-kawza "**<u>Michael D`Amato noe vs Filomena Spiteri et</u>**".

L-attur jirreferi ghax-xiehda ta` Herbert Agius. Jishaq fuq il-fatt illi rrizulta li kien hemm xi entrati li ghalkemm kellhom fuqhom timbru simili ghal dak ta` l-kaxxier, ma nstabet l-ebda referenza fil-kotba jew fid-dokumenti tal-cash office tad-Dwana li turi li dawn kienu thallsu. Irrizulta li sar uzu ta` timbri foloz u kien hemm involuti tliet socjetajiet, fosthom dik konvenuta li taghha Sydney Ellul Sullivan kien direttur. L-attur jirreferi wkoll ghax-xiehda ta` Raphael Aloisio.

L-attur ikompli jissottometti illi fil-kawza tal-lum il-konvenut ma gab l-ebda prova li turi illi huwa effettivament kien hallas id-dazju u l-imposti in kwistjoni. Kull ma ppruva jaghmel kien illi jallega li kien abbuz kommess

min-naha tal-impjegati tad-Dwana, izda dawn l-allegazzjonijiet ma gewx ppruvati.

Jissottometti l-attur illi dan kollu ghandu jinqara fl-isfond ta` dak li kien deciz mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-15 ta` Lulju 2004. L-attur jiccita minn din s-sentenza li stabbiliet ir-responsabilita` penali tal-konvenut. Ghalhekk kellu japplika l-principju illi *"in dottrina seguita, al dire del Laurent, dall giurisprudenza si ritiene che il giudice civile possa al bisogno attingere gli elementi della sua canonizzazzione alle prove raccolte in procedimento penale."* ( Vol XXV P1 p 689)

Skond l-attur irrizulta ampjament illi l-prodotti destinati lis-socjeta` konvenuta kienu importati llegalment ghaliex ma kienx thallas id-dazju u l-imposta. Ma ngabet l-ebda prova li sar xi pagament fuq dawn l-oggetti importati. Id-dolo li fuqu qeghdin jintalbu d-danni kien jikkonsisti fil-falsifikazzjoni doluzaa ta` timbri li bis-sahha taghha dahhlet merkanzija Malta bla ma thallas dazju jew imposta.

Sostna l-attur illi l-quantum tad-danni kien jikkonsisti fil-valur tad-dazju u tal-imposta fl-ammont ta` €248,387.70 (ekwivalenti ghal Lm106,632.83) skond il-prospett Dok A, flimkien mal-imghax legali mill-11 ta` Dicembru 1991, u cioe` meta saret l-ewwel interpellazzjoni. Issir riferenza ghas-sentenza fil-kawza "**Mario Debono vs Dr. Massimo Debono"** deciza mill-Qorti ta` l-Appell fis-27 ta` Frar 1920 u ghas-sentenza fil-kawza "**Citadel Insurance plc vs Johann Ciantar**" deciza minn din il-Qorti fl-20 ta` Gunju 2002.

## 2) Il-konvenut pro et noe

Il-konvenut jissottometti li l-versjoni tal-attur kienet kontradetta minn fatti u cirkostanzi. Ghalkemm is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati kienet revokata mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali, ir-rizultanzi fattwali tal-ewwel qorti ma kienux rigettati mit-tieni qorti. Ghalhekk it-timbri kienu ghad-disposizzjoni tal-kaxxiera kollha meta u x`hin riedu minghajr l-kontrolli adegwati. Is-sistema li kienet uzata mid-Dwana kienet laxka hafna tant illi giet smantellata u sostwita bi process differenti.

Il-konvenut isostni illi fil-kamp civili il-ligi timponi "*standard of proof*" differenti mill-kamp penali u allura jistaqsi l-konvenut : kif jista` l-attur

jistieden lill-Qorti toqghod biss fuq dawk il-provi u tezenta ruhha milli taghmel ezami mill-gdid ?

Skont il-konvenut, il-provi li gabu l-attur fil-kawza odjerna kienu mill-aktar skarsi u limitati, nieqsa mill-immedjatezza u mill-kjarezza ; fuq kollox kienu provi nkonkludenti.

Skont il-provi li tressqu, ma jirrizultawx l-elementi certi ta` fatt li setghu jippermettu r-rikostruzzjoni ta` kif sehh dan il-kaz sabiex tigi stabbilita l-htija ; ghalhekk l-attur jibbaza ruhu biss fuq argumenti u kongetturi.

Jishaq illi l-apprezzament li sar mill-Qorti tal-Magistrati, li semghet l-provi u lliberat lill-konvenut, ma kellux jitwarrab mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali.

Il-konvenut igib `il quddiem numru ta` sottomissjonijiet dwar l-allegazzjoni tieghu illi kienu l-kaxxiera tad-Dwana li hadu l-flus li allegatament hallas il-konvenut.

Skont il-konvenut is-sottomissjonijiet tal-attur dwar jekk kumpannija tistax tinsab responsabbli ghal delitti u kwazi delitti mhijiex rilevanti ghal din il-kwistjoni.

L-konvenut jirreferi ghax-xiehda ta` Herbert Agius.  Jorbot dak mistqarr minn dan ix-xhud mal-allegazzjoni tieghu illi l-flus ttiehdu mill-kaxxiera tad-Dwana.

Dwar ix-xiehda ta` Raphael Aloisio, in partikolari dwar l-esercizzju li ghamel, il-konvenut jissottometti li l-invoices qatt ma setghu jirrizultaw fil-cash books ghaliex l-impjegati responsabbli qatt ma kienu se jaghmlu haga li biha setghu jinqabdu.  Dak li ghamlu dawn il-kaxxiera huwa li ghamlu uzu minn timbri foloz fuq entry forms ta` Eloise Limited, tefghu l-flus fil-but u ghaddew l-entry forms bit-timbri foloz.

Skont il-konvenut huwa rnexxielu jaghmel il-prova illi l-kaz tal-attur kien merament wiehed *prima facie.* Ma ngabet l-ebda prova illi kien hu li fil-

fatt u materjalment wettaq xi att ta` falsifikazzjoni tal-entrati tad-Dwana. Jirreferi ghas-sentenzi fil-kawzi "**Il-Pulizija vs Joseph Zampa et**" deciza mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali fl-1 ta` Lulju 1998 ; "**Il-Pulizija vs Joseph Lee Borg**" deciza mill-Qorti tal-Magistrati fil-15 ta` Gunju 1998 ; "**Il-Pulizija vs Leo Borg et**" deciza mill-Qorti tal-Magistrati fis-6 ta` Lulju 2006 ; u "**Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**" deciza mill-Qorti ta` l-Appell Kriminali fis-6 ta` Mejju 1961.

## IV. Generali

Fil-kawza tal-lum, l-attur qieghed jitlob mill-Qorti : i) dikjarazzjoni ta` responsabilita` tal-konvenuti - jew min minnhom – ghall-hlas ta` dazju, imposta, spejjez ta` magazinagg u spejjez ta` investigazzjoni minhabba agir doluz da parti taghhom – jew min minnhom ; ii) likwidazzjoni ta` danni fl-ammont ta` Lm106,604.15 ; u iii) kundanna tal-konvenuti – jew min minnhom – ghall-hlas tad-danni.

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut de proprio kienet ta` natura preliminari. L-eccezzjonijiet l-ohra tieghu, kemm de proprio kif ukoll nomine kienu dwar il-mertu.

Il-Qorti sejra tqis l-eccezzjoni preliminari qabel tipprocedi oltre.

## V. L-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut de proprio

Il-konvenut de proprio eccepixxa li kellu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi l-Qorti ma kenitx mitluba tiddikjara illi kien doluz l-agir tas-socjeta` li taghha kien direttur ; ghalhekk il-Qorti ma setghetx tippresumi li kien hemm responsabilita` personali da parti tieghu.

Fis-sentenza li tat fit-28 ta` Marzu 2003 fil-kawza "**Anthony Briffa pro et noe vs Vincent Oliver Abela pro et noe**" din il-Qorti (**PA/PS**) qalet hekk :–

*Id-direttur f`socjeta` hu meqjus bhala mandatarju tas-socjeta` fir-relazzjonijiet interni ma` dik l-istess socjeta` filwaqt li hu kkunsidrat bhala r-rapprezentant ta` dik is-socjeta` fir-relazzjonijiet taghha ma` terzi persuni. Minkejja din id-distinzjoni fil-prattika, anke mil-lat legali, ftit jista` jkun*

*hemm divergenza bejn dawn iz-zewg tipi ta` rapprezentanza u dan in vista ta` dak li jipprovdi l-Artikolu 49 tal-Kodici tal-Kummerc fir-rigward tal-ligi applikabbli ghal rapprezentanza kummercjali. Ir-riferenza li jaghmel dan l-artikolu hi ghall-artikolu tal-ligi fil-Kodici Civili li jitratta l-Mandat (Artikolu 1880(2) tal-Kodici Civili).*

*Madanakollu, f`certi determinati sitwazzjonijiet d-direttur ikun personalment responsabbli ghall-hsara bl-agir delittwuz minnu stess kommess.*

*Direttur li jkun participi f`att frawdolent jew il-kommissjoni ta` delitt iehor huwa personalment responsabbli verso d-danneggjat. Dana fuq il-principju li kull huwa hati ta` hsara huwa responsabbli ghaliha hu nnifsu u dan anki jekk kien qed jagixxi bhala agent f`isem jew ghall-beneficcju ta` haddiehor, ghaliex il-kuntratt ta` mandat ma jistax jimponi fuq il-mandatarju obbligu li jikkommetti jew jippartecipa fil-kommissjoni ta` frodi jew delitt iehor. Il-fatt li s-socjeta` tista` tkun responsabbli wkoll ma jezonerax lid-direttur.*

*Dan hu hekk il-kaz anke fejn id-direttur ma jikkommettix l-agir delittwuz personalment imma jippermetti lil haddiehor fil-kumpanija li jikkommettih.*

*In kolpa kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, diligenza u hsieb ta` missier tajjeb tal-familja (Artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili). Aktar inciziv ghall-obbligazzjoni li titwieled mid-delitt hu l-Artikolu 1033 li ghal finijiet tal-htija d-danneggjant jirrispondi kull meta jaghmel jew jonqas li jaghmel, bil-hsieb jew minghajr hsieb, xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi.*

*Il-partecipazzjoni ta` direttur ta` socjeta` in vesta proprio f`atti frawdolenti tirrendih certament responsabbli in solidum mal-kumpanija. Din is-solidarjeta` twieldet ex nunc mill-fatt illecitu tieghu, li jfisser li kieku ried il-kreditur seta` fid-diskrezzjoni assoluta tieghu, ipproceda kontra d-direttur personalment gjaladarba dan, kif manifest, hu debitur in solidum.*

Il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni preliminari hija nfondata.

Ghalkemm kumpannija ghandha personalita` guridika taghha, ma jfissirx li ghandha tkun eskluza kwalsiasi tip ta` responsabbilita` da parti tal-konvenut bhala direttur taghha. Fil-fatt mis-sentenza taghha li tat il-Qorti tal-Appell Kriminali, u li tikkostitwixxi prova ghall-fini ta` din il-kawza, jirrizulta li l-konvenut kien jaf b`dak kollu li qed isir.

Tghid il-Qorti :-

*" … Mhux koncepibbli, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, li l-appellat ma kienx jaf x`kien ghaddej ezatt, meta kien hu li kien l-uniku direttur fil-kumpannija u li fis-stragrandi parti tal-kazijiet kien hu li jipprezenta l-entries id-dwana. Hu bhala managing director kien direttament responsabbli ghat-tmexxija tal-kumpannija u ma setghax ma kienx jaf x`kien ghaddej."*

Il-fatt li l-konvenut seta` ghamel dan fil-vesti ta` direttur tas-socjeta Eloise Ltd mhux fil-kwalita` personali tieghu mhux bizzejjed sabiex jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, jekk kemm-il darba l-kwistjoni kollha svolgiet minhabba decizjonijiet jew nuqqas imputabbli lilu.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tichad</u> l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut proprio**.

## VI. <u>Il-mertu</u>

### 1) <u>Dritt</u>

**<u>L-Art 1031 tal-Kap 16</u>** jaqra :-

*Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.*

**<u>L-Art 1032 tal-Kap 16</u>** jaqra :-

*(1) Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il- prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-famiija.*

*(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta` disposizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta` prudenza, ta` diliġenza jew ta` ħsieb fi grad akbar.*

**<u>L-Art 1033 tal-Kap 16</u>** jaqra :-

*Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b`nuqqas ta` diliġenza, ta` prudenza jew ta` ħsieb, jagħmel jew jonqos li*

*jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.*

**2) <u>Il-qies tal-prova</u>**

Id-difiza tal-konvenuta pro et noe kontra l-azzjoni attrici hija cara. Jikkontendi li m`ghandu jhallas xejn lill-attur ghaliex huwa ma kkommetta l-ebda rregolarita`, hallas kull ma kien dovut, u jekk l-attur ma rceviex hlas, dan mhuwiex imputabbli lilu pro et noe, izda ghall-impjegati tad-Dwana li hadu l-flus minghand il-konvenut u dahhluhom fi bwiethom. <u>In succint</u> dak huwa li qed isostni l-konvenut. B`kuntrast ghal din il-verzjoni tal-fatti, hemm it-tesi tal-attur li jikkontendi li l-konvenut wettaq atti doluzi sabiex ma jhallasx dazju u imposti, u li qed jittenta jiskarika l-agir delittwali tieghu fuq haddiehor, meta l-provi juru l-maqlub ta` dak li qed jikkontendi l-konvenut. Ghalhekk il-qorti hija rinfaccjata b`konflitt nett ta` verzjonijiet.

Fis-sentenza taghha tal-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza `**<u>Xuereb et vs Gauci et</u>**` il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri qalet hekk dwar konflitt ta` provi fil-kamp civili –

*"Huwa pacifiku f'materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha :*

*1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

*2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur".*

*Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited noe vs Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant (Kollez. Vol L pII p440)."*

(ara wkoll : "**<u>Bugeja vs Meilak</u>**" – **<u>PA/TM</u>** – 30 ta` Ottubru 2003 ; "**<u>Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Difesa</u>**" – **<u>PA/PS</u>** – 28 ta` Mejju 2003 ; "**<u>Farrugia vs Farrugia</u>**" – **<u>PA/CC</u>** – 24 ta` Novembru 1966)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**<u>PA/PS</u>**) tat-28 ta` April 2003 fil-kawza "**<u>Ciantar vs Curmi noe</u>**" kien precizat hekk –

*"Huwa ben maghruf f`materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta jew jkollha b`konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta` in dubio pro reo ;*

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta` dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli. (Vol. XXXVI P I p 319)"*

(ara wkoll : "**<u>Camilleri vs Borg</u>**" – **<u>Appell Civili</u>** – 17 ta` Marzu 2003 ; "**<u>Zammit vs Petrococchino</u>**" – **<u>Appell Kummercjali</u>** – 25 ta` Frar 1952 ; "**<u>Vassallo vs Pace</u>**" – **<u>Appell Civili</u>** – 5 ta` Marzu 1986)

Fis-sentenza li tat fis-26 ta` Settembru 2013 fil-kawza "**<u>Chef Choice Limited vs Raymond Galea et</u>**" din il-Qorti (**<u>PA/JRM</u>**) qalet hekk :-

*… Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili m'huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju. Iżda f'każijiet mibnija fuq id-delitt jew il-kważi-delitt, l-aktar meta jkun hemm imdaħħal xi egħmil tal-qerq tal-parti mħarrka huwa ammess li "f'kawża ċivili d-dolo jista' jiġi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke' s'intendi jkunu serji, preċiżi u konkordanti, b'tali mod li ma jħallu l-ebda dubju f'min hu msejjaħ biex jiġġudika" (ara -*

*P.A. PS - Emanuel Ċiantar vs David Curmi et - konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19.6.2006).*

*Illi minbarra dan, il-parti attriċi għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka (ara - App. Inf. - JSP - 12.1.2001 - Hans J. Link et vs Raymond Merċieca). Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, l-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil).*

*Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega (ara l-Art. 562 tal-Kap 12) u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova (Art. 559 tal-Kap 12).*

*... Iżda dak li jgħodd f'kawża m'huwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verita`, il-verita` kollha, u xejn anqas minn dik il-verita` kollha" (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi et)*

*Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħal ma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja, u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fl-episodju. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet ;*

*Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju m'huwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (ara App. Inf. PS - 7.5.2010 - Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tkun favorita t-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara - P.A. NC - 28.4.2004 - Frank Giordmaina Medici et vs*

*William Rizzo et). Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jseħħlux iwettaq dan, il-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-prinċipju li actore non probante reus absolvitur (ara P.A. LFS - 18.5.2009 - Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.) Min-naħa l-oħra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni għandha twassal lil Qorti biex ma tasalx għal deċiżjoni jew li jkollha ddur fuq il-prinċipju li għadu kemm issemma. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju (ara - App. Ċiv. 19.6.2006 - Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha (ara - App. Inf. 9.1.2008 - Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta` April 2007 fil-kawza "**Joseph Tonna vs Philip Azzopardi**" inghad hekk :-

*(i) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5 ;*

*(ii) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista` joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577 ;*

*(iii) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju 'n kwantu timponi fuq il-gudikant l-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat ;*

*(iv) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu.*

**3)** **<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Bhala fatt, jidher illi fis-snin 1989, 1990 u 1991 is-socjeta` konvenuta kienet importat merkanzija li fuqha jirrizulta ppruvat li ma kienx thallas id-dazju u l-imposta.

Jidher illi ghalkemm il-konvenut jghid illi huwa kien hallas id-dazju u l-imposta bi flus kontanti, il-hlas illi jghid li ghamel ma kienx jidher fil-cash books tad-Dwana.

Jidher ukoll li hemm numru ta` dokumenti li kienu ttimbrati b`timbru falz u li dawn d-dokumenti kienu jirreferu ghas-socjeta konvenuta.

Jidher inoltre illi fl-entry forms tas-socjeta` konvenuta li fuqhom kellhom t-timbru '*received payment*', in-numru tat-timbru fejn kien stampat '*received payment*' kien jidher mhux biss fuq entry forms tas-socjeta` konvenuta izda fuq entry forms ta` socjetajiet u importaturi terzi.

Kien ghalhekk li saret investigazzjoni mill-Kontrollur tad-Dwana li wasslet ghal proceduri kriminali li kienu istitwiti kontra l-konvenut.

Fil-proceduri kriminali, l-Ewwel Qorti u cioe` l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, illiberat lill-konvenut minn kull imputazzjoni u piena.

Min-naha taghha, il-Qorti ta` l-Appell Kriminali tat decizjoni fejn testwalment inghad hekk :-

*Tikkonferma is-sentenza ta' l-ewwel Qorti in kwantu illiberat lill appellat mill-akkuzi taht l-artikoli 60 (a) (b) , 62 (a)(b)(c)(e) u (h) tal-Kap.37 , minn dawk li jaqghu taht l-artikoli 172 u 183 tal-Kodici Kriminali (Kap.9)*

***u***

*Tirrevokha in kwantu ma sabitux hati w illiberatu mill-akkuzi li jaqghu taht l-artikolu 62 (f)(g)(i)(k) u (m) tal- Kap.37 u Artikoli 7(1) u 12(1) tal-Kap 336 u taht l-artikoli 184 u 308 tal-Kodici Kriminali*

***u***

*wara li rat l-artikoli 62 (f)(g)(i)(k) u (m) u 77 tal-Kap.37 u Artikoli 7(1) u 12(1) tal-Kap 336 u l-artikoli 184, 308 , 14 ,17, 18, 19, 28A, tal-Kap.9, tikkunndanna lill-appellat ghall-ksur tal-ligi kontemplat fl-akkuzi li jaqghu taht l-artikoli 184 u 308 tal-Kap 9 u 7(1) tal-Kap 336 ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn b'dana li s-sentenza ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-periodu ta' erba snin mill-lum il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija*

***kif ukoll***

*Tikkundannah ghall-htija tieghu taht l-artikolu 62 tal-Kap.37 u ta` l-artikolu 7(1) Kap 336 ghall-hlas ta' multa ta' (Lm62,171.20), import ta' l-ammont tad-dazju dovut, (Lm44,432.95) bhala levy u d-doppju tal-valur tal-oggetti (Lm191,675.40.5 X 2) = b'kollox erba' mija disgha u tmenin elf disa' mija u erbgha u hamsin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu (Lm 489,954.95).*

*Taghti lill-appellat li jhallas l-ammont imsemmi minnu dovut fi zmien (36) xahar f' rati mensili pagabbli kull l-ahhar tax-xahar b'dana illi jekk ma jsirx hlas ta' xi wahda mir-rati, l-ammont shih li jkun fadal ghandu jkun dovut u jithallas minnufih u jekk ma jithallasx, il-multa tigi konvertita fi prigunerija skond il-ligi skond l-ammont li jkun ghadu dovut.*

*L-appellat ghandu jhallas terz ta' l-ispejjez li ghandhom x`jaqsmu mal-hatra tal-periti.*

Fit-tieni talba, l-attur talab lill-Qorti sabiex tillikwida s-somma ta` Lm106,604.15 ekwivalenti ghal €248,320.87 bhala danni li garrab minhabba l-agir doluz tal-konvenuti (jew min minnhom) kif ukoll ghall-ispejjez li nkorra sabiex jinvestiga l-istess agir doluz.

L-attur ipprezenta numru ta` dokumenti li juru x`merkanzija kienet importata f`data specifika, n-numru ta` "*received payment*" u l-kumpannija li hallset d-dazju fuq dik il-merkanzija. Bhala segwitu ghal dawn id-dokumenti, l-attur imbaghad ipprezenta numru ta` dikjarazzjonijiet mill-persuni li rrilaxxjaw il-merkanzija relattiva ghal kull dokument.

Ezempju :

Dok EL 3A datat 2 ta` Ottobru 1992 – *received payment* nru 99044 tal-23 ta` April 1990, giet imhallsa minn Crown Works Ltd. Jekk imbaghad ssir referenza ghal dokument li qieghed a fol 154, jidher li fil-23 ta` April 1990, *received payment* nru 99044 giet rilaxxjata favur s-socjeta konvenuta u mhux Crown Works Limited.

Dok EL 6A datat 29 ta` Lulju 1992 – *received payment* nru 41656 tas-7 ta` Dicembru 1989, giet imhallsa minn Food Distributors Limited. Imbaghad mid-dokument li qieghed a fol 160, jidher illi fil-4 ta` Gunju 1990, *received payment* numru 41656 giet rilaxxjata favur s-socjeta konvenuta.

Id-dokumenti l-ohra jsegwu din il-*pattern.*

Ix-xhud Herbert Agius ipprezenta kopji tad-dokumenti li kienu mistharrga waqt l-investigazzjoni.

Riferibbilment ghall-atti tal-procediment kriminali "**Il-Pulizija vs Sidney Ellul Sullivan**" jirrizulta illi meta xehed Herbert Agius (ara fol 510) dan qal :–

*"F`Novembru 1991, dan Dr. Hecker, rega` gie hawn Malta li ghalkemm kien ghadu fil-bidu tal-invetigazzjonijiet tieghu u cioe ghandi nispjega illi kien ghadu m`espletax l-inkarigu tieghu kollhu, kien tana indikazzjoni illi t-timbri fuq l-entries ma kienux maghmulin bit-timbri taghna."*

Fix-xiehda li kien ta Dr Hecker huwa jghid (ara fol 593) :–

*" … I found out that from all entry forms that I examined, that is EL 1 to EL 8 where made by one stamp; documents EL 9 ta` EL 52 were made by another stamp. When we examined the stamp prints that we found on documents EL 1 to EL 8 and we matched these with the stamp prints of the seventeen metal stamps which were given to us by the maltese authorites* ***we found no perfect match****. In all of them there were differences. When we examined the inprint of the stamp that we found on document EL 9 to EL 52 and compared these with the prints of the seventeen metal stamps which were given to us by the maltese authorites* ***we found no perfect match.*** *In all of these we found differences and in most cases there were big differences …"*

A fol 604 tirrizulta esebita r-relazzjoni tal-accountant Raphael Aloisio

li jikkonkludi illi :–

*"11. Nikkonkludi mill-kuntrast li jiena ghamilt li l-hlas ta` Lm 106,706.11 indikat li sar mid-ditta Eloise Limited, skond it-timbri fuq id-dokumenti fil-files Vol XVI u elenkati fl-Appendix "A" in effett, skond il-cash books tad-Dipartiment tad-Dwana* ***ma sarux****."*

*12. Mill-kuntrast jidher li l-hlas tal-importaturi l-ohra, skond it-timbri fuq id-dokumenti fil –files Vol XVII u elenkati f`Appendix "B", saru u gew entrati fil-cash books tad-Dipartiment tad-Dwana."*

Meta xehed il-konvenut fil-proceduri kriminali huwa baqa` jichad li kien fil-pussess ta` timbri foloz, u sostna illi kien imur ihallas id-dazju bi flus kontanti.

Fil-kors ta` din il-kawza, issemma li l-ledger books tas-socjeta` konvenuta ma kienux gew prezentati fil-proceduri kriminali. Fil-fatt jirrizulta li kienu ezebiti :: Dok KB 4 – Box file "Bata accounts" ; Dok KB 6 sa KB 12 – ledger books tas-socjeta` Eloise Limited.

Fis-sentenza li tat l-Ewwel Qorti fil-procediment kriminali fejn sabet lill-konvenut mhux hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu, fost il-konsiderazzjonijiet illi ghamlet, qalet hekk :–

*"Illi din il-Qorti ssib illi ma hemm ebda nexus bejn il-falsifikazjoni tat-timbri u l-imputat. Il-prosekuzzjoni naqset milli tipprova illi l-imputat b`xi mod jew immanifattura jew xtara xi timbri u li dawn l-istess timbri kienu dawk illi ntuzaw biex jigi stampat fuqhom "received payment".*

Wara li l-kaz mar fl-appell, u kien trattat l-appell, li kien intavolat mill-Avukat Generali, il-Qorti tal-Appell Kriminali sabet li fil-fatt kien hemm prova diretta li d-dazju u l-levy ma kienux jirrizultaw fil-cash books tad-Dipartiment tad-Dwana. Sabet li kien hemm prova diretta li lanqas mill-kotba tal-konvenut ma kien jirrizulta li d-dazju kien thallas. Sabet li kien hemm prova diretta li n-numri tat-timbri kienu duplikati. Dwar l-allegazzjoni tal-konvenut li huwa hallas bil-kontanti u li l-flus li hallas haduhom il-kaxxiera tad-Dipartiment tad-Dwana, il-Qorti tal-Appell Kriminali qieset illi l-konvenut ma gab l-ebda prova li *"l-flus gew approprjati jew misruqa mill-impjegati tad-Dwana. Dak li gie prospettat mill-appellat mhux verosimili u probabbli u cioe li kien hemm xi konfoffa minn xi impjegati tad-Dwana li regolarment jircievu flus u jaghmlu timbru falz …"* Din il-Qorti diga` rreferiet ghad-decide tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

Fil-kawza tal-lum, il-konvenut qieghed jistieden lill-Qorti sabiex tiskarta l-konsiderazzjonijiet u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz tieghu, u sabiex toqghod fuq il-konsiderazzjonijiet u s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali.

Min-naha taghha, din il-Qorti sejra toqghod fuq l-assjem tal-provi. F`dan l-assjem hemm komprizi l-pronunzjamenti tal-qrati in sede penali billi dawn jikkostitwixxu prova. Huma prova importanti li huma ammissibbli ghaliex rilevanti ghall-konsiderazzjoni tal-istanza attrici u ghad-difiza tal-konvenut kontra dik l-azzjoni.

L-attur jikkontendi li l-konvenut stess iffalsifika t-timbri li kienu fuq l-entry forms, sabiex b`hekk huwa pprezenta l-entry form minghajr ma hallas l-ebda dazju jew imposta. Min-naha l-ohra l-konvenut jikkontendi li huwa dejjem hallas.

Fil-kawza tal-lum, l-attur qed isostni li kien hemm agir u komportament doluz da parti tal-konvenut. Il-prova tad-dolo tista` tkun determinata mhux biss bi provi diretti izda anke b`indizji serji, precizi u konkordanti. Jekk fil-Qorti titnissel ic-certezza morali tal-fondatezza tal-istanza attrici fuq preponderanza ta` probabilitajiet allura l-istanza attrici tkun ippruvata.

Issa fil-kaz tal-lum, jirrizulta mill-assjem tad-dokumenti li pprezenta l-attur bhala prova, u kif ukoll mill-persuni li xehdu, illi s-socjeta konvenuta ma hallsitx id-dazju u l-imposta dovuti fuq il-merkanzija mportata de qua. Ghalhekk il-prova tan-nuqqas ta` l-pagament saret b`mod sodisfacjenti. Min-naha l-ohra, il-konvenut bl-ebda mod ma sostna bi provi l-allegazzjoni tieghu illi huwa effettwa l-hlas li kien dovut.

Ghar-rigward tal-quantum pretiz mill-attur fil-kawza tal-lum, jirrizulta li l-figura ta` Lm106,604.15 reklamata hija komposta mill-ammont ta` Lm62,171.20 bhala dazju u mill-ammont ta` Lm44,432.95 bhala levy. Billi l-ammont huwa determinat, il-Qorti ma tistax tillikwida favur l-attur ammont superjuri ghal dak imsemmi fit-tieni talba. Tista` tillikwida somma nferjuri izda mhux superjuri.

Issa fil-kaz tal-lum, il-quantum indikat fit-tieni talba **bhala tali** mhuwiex kontestat fl-entita` tieghu. Kien ukoll sodisfacjentement ippruvat.

Tinsorgi l-kwistjoni jekk il-kundanna hlas li ghamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fuq citata tincidix fuq it-talbiet attrici kif dedotti fil-kawza tal-lum, fis-sens illi ladarba l-konvenut kien ikkundannat ihallas skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ghandux ifisser illi m`ghandux ikun hemm kundanna ta` hlas fil-procediment tal-lum.

Huwa principju tad-dritt illi l-ligi taghna taghmel distinzjoni netta bejn iz-zewg tipi ta` azzjoni li jitnisslu mill-istess reat. L-azzjoni kriminali timxi b`mod indipendenti mill-azzjoni civili. Iz-zewg azzjonijiet ghandhom kriterji differenti fejn si tratta ta` piz probatorju, bil-prova fil-kamp kriminali trid tkun *oltre kull dubbju ragjonevoli* filwaqt li fil-kamp civili huwa bizzejjed li l-prova ssir skont il-grad inqas rigoruz tal-*bilanc ta' probabilitajiet.* Tant huma distinti z-zewg azzjonijiet illi mhix rari s-sitwazzjoni fejn ghalkemm akkuzat jinheles mill-akkuzi migjuba kontrih fil-forum kriminali minhabba li l-prosekuzzjoni ma tkunx ippruvat il-kaz sal-grad rikjest, xorta jinstab li responsabbli ghad-danni fil-forum civili.

Id-distinzjoni tinsab kodifikata fl-**Art 3 tal-Kap 9** li jghid :-

*(1) Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili.*

*(2) L-azzjoni kriminali titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, u biha tintalab piena kontra l-ħati.*

*(3) L-azzjoni ċivili titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili, u biha jintalab il-ħlas tal-ħsara li ssir bir-reat.*

L-iskop ewlieni tal-procedura kriminali huwa s-sejbien ta` htija tal-akkuzat u relattiva kundanna, waqt li dak tal-procediment civili huwa l-hlas tal-hsara kkagunata bir-reat.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz tal-lum, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-kundanna pekunjarja li taghmel parti mis-sentenza definittiva tal-process kriminali m`ghandhiex tincidi fuq it-tieni u t-tielet talbiet attrici. Setghet forsi tincidi li kieku saret il-prova illi fl-ambitu tal-procediment kriminali l-konvenut de proprio jew nomine jew it-tnejn hallas l-ammont ta` Lm106,604.15 reklamat fit-tieni talba. Fil-kaz tal-lum din il-prova ma

tirrizultax. Lanqas ma jirrizulta illi sar xi hlas tal-piena pekunjarja fit-termini stabbiliti fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Fil-process kriminali, il-piena pekunjarja kienet komplessivament imposta fil-forma ta` **multa**. F`dak il-procediment, l-inadempjenza fil-hlas igib il-konverzjoni tal-multa fi prigunerija skont il-ligi abbazi tal-ammont dovut. Din m`ghandhiex il-karattru ezekuttiva ta` dejn civili. Mill-banda l-ohra, fil-kawza tal-lum, it-talba hija ghal-likwidazzjoni u hlas ta` **danni** naxxenti minn dolo. Ir-responsabilita` ghall-hlas tad-danni hija solidali.

Dwar il-hlas tal-imghax, il-Qorti tirrileva li fic-citazzjoni ssir riferenza ghal zewg ittri ufficjali prezentati kontra l-konvenut : wahda prezentata fil-11 ta` Dicembru 1991 u ohra prezentata fit-30 ta` Marzu 1992. Fil-kaz ta` somma determinata in linea ta` danni bhal ma huwa l-kaz odjern, il-hlas tal-imghax legali jiddekorri bid-data tan-notifika tal-att gudizzjarju. Il-Qorti ma kenitx prezentata bil-prova tan-notifika ta` dawn iz-zewg ittri ufficjali ; prova ta` din l-ahjar prova kienet tispetta lill-attur. Ghalhekk ghall-fini tad-dekorrenza tal-hlas tal-imghax il-Qorti sejra toqghod fuq id-data tan-notifika tac-citazzjoni li tirrizulta mill-process [ara s-sentenza fl-ismijiet "**Costantino Abela vs George Azzopardi**" li kienet deciza minn din il-Qorti (**PA/DS**) fit-2 ta` Ottubru 2002 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell b`sentenza taghha tas-7 ta` Ottubru 2005].

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut kemm dawk intavolati de proprio kif ukoll dawk intavolati fil-kwalita` tieghu ta` direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Eloise Limited.**

**Tiddikjara lill-konvenut de proprio u lill-konvenut fil-kwalita` tieghu ta` direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Eloise Limited responsabbli solidament bejniethom skont l-ewwel talba.**

**Konsegwenti ghall-ewwel talba, tilqa` t-tieni talba u tillikwida d-danni tal-attur fl-ammont ta` mitejn tmienja u erbghin elf tliet mija u ghoxrin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€248,320.87).**

Tilqa` t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut de proprio u lill-konvenut fil-kwalita` tieghu ta` direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Eloise Limited sabiex ihallsu lill-attur solidament bejniethom is-somma ta` mitejn tmienja u erbghin elf tliet mija u ghoxrin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€248,320.87) bl-imghax legali b`effett mit-30 ta` Marzu 1993, data tan-notifika tac-citazzjoni, sad-data tal-effettiv pagament.

Tikkundanna lill-konvenut de proprio u lill-konvenut fil-kwalita` tieghu ta` direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Eloise Limited sabiex solidament bejniethom ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.

Onor. Joseph Zammit McKeon
Imhallef

Amanda Cassar
Deputat Registratur